MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru 29/2013

**ATT TA' AKKUZA Nru: 29/2013**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**kontra**

**Antonel Dobre**

Il-Qorti,

Rat l-att ta' akkuża numru disgħa u għoxrin (29) tas-sena elfejn u tletax (2013) miġjuba kontra l-imsemmi Antonel Dobre, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 628642M:

Fejn l-Avukat Generali fl-ewwel kap ippremetta:

Illi fis-sbatax (17) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) il-Pulizija eżekuttiva ġew infurmati dwar inċident li kien inqala quddiem il-*Clique Bar* ġewwa Paceville fil-ħinijiet bikrin ta′ filgħodu senjatament għall-ħabta tas-sitta u nofs (6:30am) fejn persuna kienet sfat midruba b′feriti gravi waqt argument li kien inqala ma persuna oħra u kien safa miet ftit ġranet wara kaġun dawn il-ġrieħi. Irriżulta li l-vittma tal-inċident kien Osama Al Shazliay Saleh, persuna ta′ erbgħa u għoxrin sena (24) ta′ nazzjonalita′ Sudaniża filwaqt li l-persuna responsabbli għall-ġrieħi kkaġunati lilu u li wasslu għall-mewt tiegħu kien **Antonel Dobre**, qua l-akkużat f′dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjonijiet ulterjuri li saru irriżulta li kmieni filgħodu għal-ħabta tas-sitta u nofs (06.30am) waqt li l-akkużat kien fil-kumpanija tal-ħabib tiegħu Radu Rica ġewwa l-istabiliment *Clique Bar* ġewwa Paċeville, dan ta′ l-aħħar (Radu Rica) kellu inċident mal-vittma Osama Al Shazliay Saleh fejn waqt li Radu Rica kien sejjer fid-direzzjoni tal-kamra tal-banju ġewwa dan l-istabiliment ħabat fisikament mal-vittma u kaġun ta′ din il-ħabta Rica infaraġ. Meta dan ta′ l-aħħar irritorna lura lejn l-akkużat Dobre, infurmaħ b′li kien ġara u ftit tal-ħin wara Rica u l-akkużat Dobre ddeċidew li jitilqu mill-istabiliment. Meta dawn ħarġu barra dan l-istabbiliment u kienu fit-triq pubblika, l-vittma Saleh avviċinhom fejn f′dak il-mument l-akkużat Dobre ta daqqa ta′ ponn b′saħħitha ħafna f′wiċċ il-vittma bil-konsegwenza li il-vittma waqa ma l-art u ħabat rasu mal-bankina u immedjatament intilef minn sensieħ. Minħabba dan l-aġir vjolenti minn naħa tal-akkużat, Osama Al Shazliay Saleh ġarrab offiża gravi fuq il-persuna tiegħu u ċioe` frattura tal-kranju li ġabet magħha emoraġija kbira intra-ċelebrali (*subarachnoid hemorrhage* u *subdural hemorrhage*) u frattura fl-iskutella ta′ rasu kkaġunata minn daqqa qawwija. Sfortunatament, minħabba dawn il-ġrieħi gravi li ġarrab, l-kundizzjoni medika ta` Osama Al Shazliay Saleh kompliet tmur ghal-agħar b′rata magħġġla tant li fl-għoxrin (20) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) u ċioe tlett ijiem wara l-aggressjoni fuqu mill-akkużat, l-vittma ġiet iddikjarata *brain dead* u konsegwentement mietet ftit tal-ħin wara ġewwa l-Isptar Mater Dei.

Illi b`għemilu l-imsemmi Antonel Dobre sar ħati li ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna li biha ġrat il-mewt minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta` l-offiża, u mhux għal xi kawza aċċidentali li nqalat wara, b`dan li l-mewt ġrat fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta` qabel id-delitt.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Antonel Dobre ħati ta` offiża gravi fuq il-persuna li biha ġrat il-mewt minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta` l-offiża, u mhux għal xi kawza aċċidentali li nqalat wara, b`dan li l-mewt ġrat fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta` qabel id-delitt; Jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundanat għal-piena ta` priġunerija minn sitt (6) snin sa għoxrin (20) sena skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 220(1)(a), 216(1)(a), 218(1)(a) u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkuzat.

Fejn l-Avukat Generali fit-tieni kap ippremetta:

Illi dakinhar tal-inċident kif indikat fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe fis-sbatax (17) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) għal-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħodu (06.30am) u waqt l-istess ċirkostanzi li rriżultaw mill-ewwel kap, jirriżulta li minħabba l-atteġjament u l-imġieba tal-akkużat li seħħet fi triq pubblika debitament iffrekwentata minn diversi nies, l-akkużat volontarjament iddisturba l-kwiet pubblika u b'hekk kiser il-bon ordni u l-kwiet fil-pubbliku b'mod ġenerali.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Antonel Dobre, ħati talli, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' xahrejn detenzjoni skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 338(dd), 7(2)(a), 12(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha ta' l-process;

Rat il-verdett tal-ġurati tal-25 ta' Marzu, 2015 li biħ:

**L-Ewwel Kap**

Il-gurati bi tmien (8) voti favur u vot (1) kontra isibu lil Antonel Dobre ħati skont l-ewwel kap tal-att tal-akkuza b'dan pero' li r-reat huwa skuzabbli, ghaliex kien ipprovokat minn delitt ta' kull xorta li jkun kontra l-persuna.

**It-Tieni Kap**

Il-gurati b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) voti kontra isibu lil Antonel Dobre ħati skont it-Tieni kap tal-att tal-akkuza.

Tiddikjara lil akkuzat Antonel Dobre ħati talli:

1. Ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna li biha ġrat il-mewt minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta` l-offiża, u mhux għal xi kawza aċċidentali li nqalat wara, b`dan li l-mewt ġrat fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta` qabel id-delitt, b'dan pero' li r-reat huwa skuzabbli, ghaliex kien ipprovokat minn delitt ta' kull xorta li jkun kontra l-persuna.

2. volontarjament iddisturba l-kwiet pubblika u b'hekk kiser il-bon ordni u l-kwiet fil-pubbliku.

Rat il-fedina penali tal-hati.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Roberto Montalto.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Nadia Attard.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli avukat tal-parte civile Dr. Larry Formosa.

Rat l-artikoli 214, 215, 220(1)(a), 216(1)(a), 218(1)(a), 230(c), 232(a), 338(dd), 7(2)(a), 12(1) u 533 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna lil Antonel Dobre il-piena ta’ seba’ (7) snin prigunerija, minn liema terminu ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil hati ihallas l-ammont tlett telef u erbgha u disghin ewro u disgħa u għoxrin centezmu (€3094.29) bhala spejjez inkorsi f’dan il-process.

Tordna wkoll illi jekk l-ispejjez ma jithallsux immedjatament, dawn jigu kkonvertiti f’terminu ta’ prigunerija skont tal-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------